PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/0244(COD)

3.3.2009

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-ażil fl-Istati Membri (riformulazzjoni)
(COM(2008)0815 – C6-0477/2008 – 2008/0244(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Antonio Masip Hidalgo

(Riformulazzjoni – l-Artikolu 80 tar-Regoli ta' Proċedura)

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Page

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 22

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-istandards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-ażil fl-Istati Membri (riformulazzjoni)
(COM(2008)0815 – C6-0477/2008 – 2008/0244(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni - riformulazzjoni)

Il-Parlament Ewropew

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0815),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), u l-Artikolu 63(1)(b) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0477/2008),

– wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 dwar użu iżjed strutturat tat-teknika tar-riformulazzjoni tal-atti legali[1],

– wara li kkunsidra l-ittra tal-24 ta' Frar 2009 mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali bi qbil mal-Artikolu 80a(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0000/2009),

A. billi, skont il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni, il-proposta konċernata ma tinkludix emendi sostanzjali ħlief dawk identifikati bħala tali fil-proposta u billi, fir-rigward tal-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li baqgħu ma nbidlux tal-atti eżistenti, il-proposta fiha kodifikazzjoni sempliċi ta' dawn it-testi, bla ebda tibdil fis-sustanza tagħhom,

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, kif emendata hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] ĠU C 77 tat-28.3.2002, p. 1.

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu asil li għandhom ikunu biżżejjed biex jiżguraw standard ta' ħajja dinjituż u kondizzjonijiet ta' ħajja komparabbli fl-Istati Membri kollha *b'konsiderazzjoni* għall-livell tal-assistenza soċjali disponibbli għaċ-ċittadini fl-Istat Membri ospitanti*, għandhom ikunu preskritti.*	(11) Għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu asil *għandhom jiġu preskritti* standards minimi li għandhom ikunu biżżejjed biex jiżguraw standard ta' ħajja dinjituż u kondizzjonijiet ta' ħajja komparabbli fl-Istati Membri kollha, *billi tingħata* konsiderazzjoni għall-livell tal-assistenza soċjali disponibbli għaċ-ċittadini tal-Istati Membri ospitanti ***u għall elementi speċifiċi ta'dawk li jitolbu l-asil, b'mod partikulari għall-bżonnijiet tagħhom.***

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-livell ta' għajnuna soċjali jvarja ħafna minn Stat Membru għal ieħor. Anke jekk min jitlob l-asil jibbenefika minn kundizzjonijiet ta' akkoljenza ta' livell ekwivalenti għal dawk mogħtija liċ-ċittadini lokali, jista' jiġri li ma jkunx f'kundizzjonijiet ta' għajxien denji minħabba li ma jkollux familja jew xi appoġġ ieħor fil-pajjiż li jospitah.

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Bil-ħsieb li jkun żgurat trattament ugwali fost l-applikanti kollha għall-protezzjoni internazzjonali kif ukoll sabiex tkun garantita konsistenza mal-acquis tal-UE dwar l-asil attwali, b'mod partikolari mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni	Bil-ħsieb li jkun żgurat trattament ugwali fost l-applikanti kollha għall-protezzjoni internazzjonali kif ukoll sabiex tkun garantita konsistenza mal-acquis tal-UE dwar l-asil attwali, b'mod partikolari mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni

mogħtija, huwa xieraq li l-iskop ta' din id-Direttiva ikun estiż sabiex tinkludi applikanti għall-protezzjoni sussidjarja.	mogħtija, huwa xieraq li l-iskop ta' din id-Direttiva ikun estiż sabiex tinkludi applikanti għall-protezzjoni sussidjarja. ***Din id-direttiva għandha tapplika għall-fażijiet kollha tal-proċedura u għat-tipi kollha ta' proċeduri li jirrigwardaw talbiet għal protezzjoni internazzjonali u għall-postijiet u l-istallazzjonijiet kollha fejn jintlaqgħu dawk li jitolbu l-ażil.***

Or. es

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jiġi enfasizzat li l-kundizzjoni li fihom jintlaqgħu għandhom jappilkaw għal dawk kollha li jitolbu l-ażil li jkunu qed jistennew li jiġu trasferiti taħt proċedura tat-tip ta' Dublin, kif ukoll għal dawk li l-proċedura tagħhom tinsab fil-fażi ta' verifika jekk humiex ammissibbli, dawk li jinsabu fi proċedura fuq il-fruntiera jew dawk fi kwalunkwe proċedura oħra, kif ukoll dawk li jiġu arrestati jew miżmuma f'detenzjoni b'xi mod ieħor f'post fejn jinqabdu fuq fruntiera fuq l-art, f'ajruport, stazzjoni tal-puliżija jew kwalunkwe post ieħor.

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 15 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Bħala regola ġenerali, dawk il-persuni li jkunu qed jitolbu protezzjoni internazzjonali m'għandhomx jiġu miċħuda mil-libertà;

Or. es

Ġustifikazzjoni

Id-dritt ma tiġix miċħud arbitrarjament mil-libertà hu dritt funadmentali tal-bniedem, rikonoxxut fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. L-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni tan-NU tal-1951 stabbiliet li l-Istati ma japplikawx sanzjonijiet penali (inkluża c-caħda bla bżonn tal-libertà) għar-refuġjati minħabba dħul u soġġorn irregolari sakemm dawn jippreżentaw ruħhom bla dewmien quddiem l-awtoritajiet u juru li għandhom raġunijiet validi u sodi għad-dħul jew il-preżenza irregolari tagħhom. Jekk it-talba għall-ażil tikkostitwixxi raġuni valida, id-detenzjoni m'għandhiex tiġi applikata għajr bħala l-aħħar rikors.

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Id-detenzjoni ta' dawk li jfittxu asil għandha tkun applikata skont il-prinċipju sottostant li persuna m'għandiex tinżamm f'detenzjoni għall-unika raġuni li hu/hi qed tfittex protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari skont l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951. B'mod partikolari l-Istati Membri m'għandhomx jinponu penali fuq dawk li jfittxu asil minħabba dħul jew presenza illegali u kwalunkwe restrizzjonijiet fuq il-moviment għandhom ikunu neċessarji. F'dan ir-rigward, id-detenzjoni ta' dawk li jfittxu asil għandha tkun possibbli biss taħt ċirkostanzi eċċezzjonali definiti b'mod ċar ħafna li huma preskritti fid-Direttiva u soġġetti għall-prinċipju ta' neċessità u proporzjonalità fir-rigward kemm tal-manjiera kif ukoll tal-iskop ta' detenzjoni bħal din. Fejn dak li jfittex asil jinżamm f'detenzjoni hu/hi għandhom dritt għal rimedju ġudizzjarju quddiem qorti nazzjonali Fejn dak li jfittex asil jinżamm f'detenzjoni hu/hi għandhom dritt għal rimedju ġudizzjarju quddiem qorti nazzjonali	(16) Id-detenzjoni ta' dawk li jfittxu asil għandha tkun applikata skont il-prinċipju sottostant li persuna m'għandiex tinżamm f'detenzjoni għall-unika raġuni li hu/hi qed tfittex protezzjoni internazzjonali, ***speċjalment kif jeżiġu l-obbligi tal-liġi internazzjonali li assumew l-Istati Membri, b'mod partikolari skont*** l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus tar-Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951. B'mod partikolari l-Istati Membri m'għandhomx jinponu penali fuq dawk li jfittxu asil minħabba dħul jew presenza illegali u kwalunkwe restrizzjonijiet fuq il-moviment għandhom ikunu neċessarji. F'dan ir-rigward, id-detenzjoni ta' dawk li jfittxu asil għandha tkun possibbli biss taħt ċirkostanzi eċċezzjonali definiti b'mod ċar ħafna li huma preskritti fid-Direttiva u soġġetti għall-prinċipju ta' neċessità u proporzjonalità fir-rigward kemm tal-manjiera kif ukoll tal-iskop ta' detenzjoni bħal din. Fejn dak li jfittex asil jinżamm f'detenzjoni hu/hi għandhom dritt għal rimedju ġudizzjarju quddiem qorti nazzjonali Fejn dak li jfittex asil jinżamm f'detenzjoni hu/hi għandhom dritt għal rimedju ġudizzjarju quddiem qorti nazzjonali

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-kliem miżjud jenfasizza l-importanza suprema li jiġu rispettati l-istandards internazzjonali rigward id-drittijiet tal-bniedem fl-ambitu tad-Direttiva. Il-miżuri ta' detenzjoni ma jridux ikunu konformi biss mal-leġiżlazzjoni internazzjonali applikabbli, imma wkoll mal-obbligi tal-liġijiet internazzjonali li jassumu l-Istati Membri.

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta ta' Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett sħiħ għad-dinjità tal-bniedem u li tippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikoli 1, 6, 7, 18, 24 and 47 tal-Karta msemmija u trid tiġi applikata b'dan il-mod.	(26) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta ta' Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, din id-Direttiva tfittex li tiżgura rispett sħiħ għad-dinjità tal-bniedem u li tippromwovi l-applikazzjoni tal-Artikoli 1, ***4,*** 6, 7, 18, 24 and 47 tal-Karta msemmija u trid tiġi applikata b'dan il-mod.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li ssir referenza fid-direttiva in kwistjoni għall-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE li jipprojbixxi t-trattament inuman u degradanti.

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-detentur tad-dokument għandu jingħata aċċess għad-drittijiet mogħtija lil dawk li jfittxuażil taħt din id-Direttiva.	***Ma jkun jeħtieġ ebda dokument ieħor sabiex*** jingħata aċċess għad-drittijiet mogħtija lil dawk li jfittxuażil taħt din id-Direttiva.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Dokument wieħed għandu jkun biżżejjed biex jiċċertifika l-istejtus ta' min jitlob l-ażil, kif ukoll id-drittijiet u l-vantaġġi li jkollu.

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 2 –introduzzjoni

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Meta*** jkun meħtieġ u fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali ta' kull każ, u sakemm miżuri oħrajn inqas dixxiplinari ma jistgħux ikunu applikati b'mod effettiv, l-Istati Membri jistgħu skont il-leġiżlazzjoni tagħhom jillimitaw applikant għal post partikolari biss. Applikant jista' jinżamm biss f'post partikolari:	2. ***F'ċirkostanzi eċċezzjonali, meta*** jkun meħtieġ u fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali ta' kull każ, u sakemm miżuri oħrajn inqas dixxiplinari ma jistgħux ikunu applikati b'mod effettiv, l-Istati Membri jistgħu skont il-leġiżlazzjoni tagħhom jillimitaw applikant għal post partikolari biss. Applikant jista' jinżamm biss f'post partikolari:

Or. es

Justification

Id-dritt li ma tiġix miċħud arbitrarjament mil-libertà hu dritt fundamentali tal-bniedem, rikonoxxut fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. L-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni tan-NU tal-1951 stabbilixxa li l-Istati m'hħandhomx japplikaw sanzjonijiet penali (inkluża ċ-ċaħda bla bżonn tal-libertà) għar-refuġjati minħabba d-dħul u s-soġġorn irregolari sakemm dawn jippreżentaw ruħhom bla dewmien quddiem l-awtoritajiet u juru li għandhom raġunijiet validi u sodi għad-dħul jew il-preżenza irregolari tagħhom. Jekk it-talba għall-ażil tikkostitwixxi raġuni valida, id-detenzjoni m'għandhiex tiġi applikata għajr bħala l-aħħar rikors.

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 (2) (a)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) sabiex ***jiddeterminaw, jaċċertaw jew*** jivverifikaw l-identità jew in-nazzjonalità tiegħu;	(a) sabiex jivverifikaw l-identità jew in-nazzjonalità tiegħu ***jekk jirriffjuta li jikkopera fil-verifika;***

Or. es

Ġustifikazzjoni

Bħal kwalunkwe limitazzjoni ta' dritt jew libertà fundamentali, restrizzjonijiet għad-dritt għal-libertà għandhom ikunu definiti b'mod restrittiv. Huwa importanti għalhekk li dan l-Artiklu jkun aktar speċifiku sabiex jiċċara l-firxa tar-raġunijiet għal detenzjoni ta' min jitlob l-asil.

Il-verifika tal-identità u/jew tan-nazzjonalità ta' min jitlob l-asil m'hix raġuni adegwata għad-detenzjoni sakemm min jitlob l-asil ma jirrifjutax li jikkopera in bona fede mal-proċess ta' identifikazzjoni.

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Artikolu 8– paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) sabiex jiddeterminaw l-elementi li fuqhom hi bbażata l-applikazzjoni tiegħu għal asil li f'ċirkostanzi oħrajn jistgħu jkunu mitlufa;	(b) ***f'laqgħa preliminari miegħu*** sabiex jiddeterminaw l-elementi li fuqhom hi bbażata l-applikazzjoni tiegħu għal asil li f'ċirkostanzi oħrajn jistgħu jkunu mitlufa;

Or. es

Ġustifikazzjoni

Bħal kwalunkwe limitazzjoni ta' dritt jew libertà fundamentali, restrizzjonijiet għad-dritt għal-libertà għandhom ikunu definiti b'mod restrittiv. Huwa importanti għalhekk li dan l-Artiklu jkun aktar speċifiku sabiex jiċċara l-firxa tar-raġunijiet għal detenzjoni ta' min jitlob l-asil.

Eċċezzjonijiet għall-prinċipju ġenerali ma jistgħux jintużaw biex jiġġustifikaw id-detenzjoni għal tul il-proċess kollu tad-determinazzjoni tal-istejtus ta' refuġjat.

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) meta protezzjoni ta' sigurtà nazzjonali u ordni pubblika jeħtieġu hekk.	(d) meta protezzjoni ta' sigurtà nazzjonali u ordni pubblika jeħtieġu ***hekk jekk ikun hemm elementi ta' prova li huwa jista' jkun ta' riskju reali u effettiv għal dawn il-prinċipji.***

Or. es

Justification

Bħal kwalunkwe limitazzjoni ta' dritt jew libertà fundamentali, restrizzjonijiet għad-dritt għal-libertà għandhom ikunu definiti b'mod restrittiv. Huwa importanti għalhekk li dan l-Artiklu jkun aktar speċifiku sabiex jiċċara l-firxa tar-raġunijiet għal detenzjoni ta' min jitlob l-ażil.

L-eċċezzjoni li tirrigwarda s-sigurtà nazzjonali m'għanhiex tikkostitwixxi regola ġenerali. Huwa importanti għalhekk li din tkun ristretta għal meta jkun hemm provi ta' theddida reali u immedjata minn min ifitttex l-ażil.

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Detenzjoni ser tkun ordnata għall-iqsar żmien possibbli. B'mod partikolari d-detenzjoni applikata taħt l-Artikolu 8 (2) (a), (b) u (c) m'għandhiex teċċedi ż-żmien meħtieġ b'mod raġonevoli biex ikunu sodisfatti l-proċeduri amministrattivi meħtieġa sabiex tkun miksuba informazzjoni dwar in-nazzjonalità ta' dak li jfittex ażil jew dwar l-elementi fuqiex hi bbażata l-applikazzjoni tiegħu jew biex titwettaq il-proċedura relevanti bil-ħsieb tad-deċiżjoni għad-dritt tiegħu/tagħha tad-dħul fir-territorju..	1. Detenzjoni ser tkun ordnata għall-iqsar żmien possibbli. B'mod partikolari d-detenzjoni applikata taħt l-Artikolu 8 (2) (a), (b) u (c) m'għandhiex teċċedi ż-żmien meħtieġ b'mod raġonevoli biex ikunu sodisfatti l-proċeduri amministrattivi meħtieġa sabiex tkun miksuba informazzjoni dwar in-nazzjonalità ***jew l-identità*** ta' dak li jfittex ażil jew dwar l-elementi fuqiex hi bbażata l-applikazzjoni tiegħu jew biex titwettaq il-proċedura relevanti bil-ħsieb tad-deċiżjoni għad-dritt tiegħu/tagħha tad-dħul fir-territorju..

Or. es

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dewmien fl-ipproċessar tal-proċedura amministrattiva li ma jistgħux ikunu attribwiti lil dak li jfittex ażil m'għandhiex	***Il-proċeduri amministrattivi ta' dan it-tip għandhom jitwettqu bir-reqqa xierqa.*** Dewmien fl-ipproċessar tal-proċedura

tiġġustifika kontinwazjoni tad-detenzjoni.	amministrattiva li ma jistgħux ikunu attribwiti lil dak li jfittex ażil m'għandhiex tiġġustifika kontinwazjoni tad-detenzjoni.

Or. es

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-detenzjoni għandha tkun ordnata mill-awtoritajiet ġudizzjarji. F'każijiet urġenti tista' tkun ordnata mill-awtoritajiet amministrattivi, li f'dak il-każ l-ordni ta' detenzjoni *għandu jkun ikkonfermat* mill-awtoritajiet ġudizzjarji fi żmien ***72 siegħa*** mill-bidu tad-detenzjoni. Fejn l-awtorità ġudizjarja ssib li d-detenzjoni hi illegali, dak li jfittex ażil kkonċernat għandu jinħeles minnufih.	2. Id-detenzjoni għandha tkun ordnata mill-awtoritajiet ġudizzjarji. F'każijiet urġenti tista' tkun ordnata mill-awtoritajiet amministrattivi, li f'dak il-każ l-ordni ta' detenzjoni *għandha tkun ikkonfermata* ***minnufih*** mill-awtoritajiet ġudizzjarji ***mhux aktar tard minn 48 siegħa*** mill-bidu tad-detenzjoni. Fejn l-awtorità ġudizjarja ssib li d-detenzjoni hi illegali, dak li jfittex ażil kkonċernat għandu jinħeles minnufih.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Les demandeurs d'asile ne sont pas des criminels. Leur détermination politique en faveur de la liberté fait d'eux au contraire un exemple pour beaucoup dans le pays d'origine. Si nous voulons que l'Europe constitue une référence mondiale dans la lutte pour la liberté, il faut leur accorder un traitement privilégié et raccourcir le délai de 72 heures. Conformément à l'article 5, paragraphe 3, de la Convention européenne de sauvegarde des droits de l'homme, qui dispose que toute personne arrêtée ou détenue doit être "aussitôt" traduite devant le juge, il importe de reprendre ce mot "aussitôt" pour bien marquer que les circonstances propres à chaque cas sont prises en compte dans un délai maximum de 48 heures.

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 - paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għandhom ikunu komunikati minnufih	4. Għandhom ikunu komunikati minnufih

ir-raġunijiet ta' detenzjoni lil dawk li jfittxuażil detenuti, it-tul ta' żmien massimu tad-detenzjoni u l-proċeduri stabbiliti fil-liġi nazzjonali, għall-isfida tad-deċiżjoni tad-detenzjoni ***f'lingwa li huma mistennija li jifhmu***.	ir-raġunijiet ta' detenzjoni lil dawk li jfittxuażil detenuti, it-tul ta' żmien massimu tad-detenzjoni u l-proċeduri stabbiliti fil-liġi nazzjonali, għall-isfida tad-deċiżjoni tad-detenzjoni f'lingwa li huma jifhmu.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 5 (2) tal-ECHR għandu jiġi rrispettat: skont l-interpretazzjoni tal-ECHR l-individwu kkonċernat jeħtieġ li jkun infurmat, b'lingwaġġ sempliċi u mhux tekniku, dwar ir-raġunijiet għad-detenzjoni tiegħu b'tali mod li huwa jista' jikkontesta d-detenzjoni quddiem qorti.

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 5 - subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Id-detenzjoni ***kontinwa*** għandha tkun riveduta ***minn awtorità*** ġudizzjarja f'intervalli ta' żmien raġonevoli ***jew*** fuq talba minn dawk li jfittxuażil *kkonċernati* ***jew ex officio***.	5. Id-detenzjoni għandha tkun riveduta ***ex officio mill-awtorità*** ġudizzjarja f'intervalli ta' żmien raġonevoli ***u/jew*** fuq talba minn dawk li jfittxuażil *ikkonċernati* ***meta jkun hemm tibdil taċ-ċirkustanzi jew meta jkun hemm informazzjoni ġdida disponibbli li taffettwa r-raġunijiet tad-detenzjoni.***

Or. es

Ġustifikazzjoni

Id-detenzjoni jeħtieġ li tiġu riveduta perjodikament mill-awtorità ġudizzjarja fir-rigward tal-legalità u l-ħtieġa tagħha, indipendentement minn jekk min ifittex il-ażil talab biex isir dan jew le.

Barra minn hekk, l-Artikolu 5 (4) tal-ECHR jistabbilixxi d-dritt ta' kull persuna li tkun arrestata jew detenuta li tikkontesta l-legalità tad-detenzjoni tagħha quddiem qorti. Il-persuni li qed ifittxuażil li jkunu f'din is-sitwazzjoni għandha ikunu jistgħu jeżerċitaw dan id-dritt.

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 6 - subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess għal assistenza legali u/jew rappreżentazzjoni ***f'każijiet ta' detenzjoni li għandha tkun*** mingħajr ħlas ***fejn dak li jfittexażil ma jkunx jista' jħallas l-ispejjeż involuti***.	6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess ***effettiv*** għal assistenza legali u/jew rappreżentazzjoni mingħajr ħlas f'każijiet ta' detenzjoni. ***Fil-każijiet kollha, il-persuni li jfittxu l-ażil għandhom ikunu intitolati jagħżlu assistenza jew rappreżentanza legali privata jekk jixtiequ.***

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk li jfittxuażil igawdu aċċess veru għal għajnuna u / jew rappreżentanza legali.

L-għajnuna u/jew rappreżentanza legali għandha tkun mingħajr ħlas. Dawk li jfittxuażil m'għandhomx għalfejn jippruvaw li huma ma jistgħux ikopru l-ispejjeż ta' assistenza jew rappreżentanza legali. Huma għandhom dejjem ikollhom l-għażla ta' assistenza jew rappreżentanza legali privata. L-aċċess għall-għajnuna u / jew rappreżentanza legali għandu jkun regolat mil-liġi nazzjonali.

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Artikolu 10 - paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom minnufih jipprovdu lil dawk li jfittxuażil f'detenzjoni b'informazzjoni aġġornata dwar ir-regoli li japplikaw fil-faċilità u jistabbilixxu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom *f'lingwa **li huma nistennija li jifhmu b'mod raġonevoli***.	L-Istati Membri għandhom minnufih jipprovdu lil dawk li jfittxuażil f'detenzjoni b'informazzjoni aġġornata dwar ir-regoli li japplikaw fil-faċilità u jistabbilixxu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom *b'lingwa **li huma jifhmu***.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 5 (2) tal-ECHR għandu jiġi rrispettat: skont l-interpretazzjoni tal-ECHR l-individwu kkonċernat jeħtieġ li jkun infurmat, b'lingwaġġ sempliċi u mhux tekniku, dwar ir-raġunijiet għad-detenzjoni tiegħu b'tali mod li huwa jista' jikkontesta d-detenzjoni quddiem qorti.

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn il-minorenni *ikunu* detenuti huma għandhom ikollhom il-possibbiltà li jieħdu sehem f'attivitajiet ta' rikreazzjoni, inkluż logħob ***u*** attivitajiet ta' *rekreazzjoni* li huma xierqa għall-età tagħhom.	2. Fejn il-minorenni *jkunu* detenuti huma għandhom ikollhom il-possibbiltà li jieħdu sehem f'attivitajiet ta' rikreazzjoni, inkluż logħob u attivitajiet ta' *rikreazzjoni* li huma xierqa għall-età tagħhom, ***u attivitajiet fil-beraħ.***

Or. es

Ġustifikazzjoni

Xieraq li jiġu inklużi l-attivitajiet fil-beraħ sabiex il-minorenni jkunu jistgħu jiżviluppaw fiżikament u mentalment.

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 5 - subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Persuni bi bżonnijiet speċjali m'għandhomx ikunu detenuti ħlief jekk eżaminazzjoni individwali tas-sitwazzjoni tagħhom minn professjonali kwalifikat jiċċertifika li s-saħħa tagħhom, inkluż is-saħħa mentali tagħhom, mhux ser *imorru* għall-agħar bħala riżultat tad-detenzjoni	5. Persuni bi bżonnijiet speċjali m'għandhomx ikunu detenuti ħlief jekk eżaminazzjoni individwali tas-sitwazzjoni tagħhom minn professjonali kwalifikat ***u indipendenti*** jiċċertifika li s-saħħa tagħhom, inkluż is-saħħa mentali tagħhom, mhux ser *tmur* għall-agħar bħala riżultat tad-detenzjoni.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-professjonista għandu jkun indipendenti sabiex jiggarantixxi evalwazzjoni indipendenti.

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 2 - subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. *Aċċess* għas-sistema ta' edukazzjoni m'għandux ikun pospost għal iktar minn tliet xhur mid-data li fiha l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali kienet iddepożitata mill-minorenni jew mill-ġenituri tal-minorenni.	2. *L-aċċess* għas-sistema ta' edukazzjoni ***għandu jkun garantit mill-aktar fis possibbli wara li ssir it-talba għall-protezzjoni internazzjonali u, fil-każijiet kollha,*** m'għandux ikun pospost għal iktar minn tliet xhur mid-data li fiha l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali kienet iddepożitata mill-minorenni jew mill-ġenituri tal-minorenni.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-attendenza ta' skola għandha tkun garantita kemm jista' jkun malajr għall-minorenii sabiex jiġu żgurati edukazzjoni deċenti.

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jkollhom aċċess għas-suq tax-xogħol mhux iktar tard minn 6 xhur wara d-data meta l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjoni kienet iddepożitata.	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jkollhom aċċess ***effettiv*** għas-suq tax-xogħol ***mill-aktar fis possibbli u, fil-każijiet kollha,*** mhux iktar tard minn 6 xhur wara d-data meta l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjoni kienet iddepożitata.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li dawk li jfittxu aċil ikunu jistgħu jfittxu impjieg kemm jista' jkun malajr. Id-dritt għax-xogħol huwa essenzjali għall-protezzjoni ta' dawk li jfittxu aċil kontra l-esklużjoni soċjali, għall-promozzjoni tal-awto-sufiċjenza tagħhom u l-iffaċilitar tal-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom meta huma jirritornaw lura lejn il-pajjiżi tal-oriġini. Min-naħa l-oħra, ir-restrizzjoni tal-aċċess għas-suq tax-xogħol tfisser spejjeż soċjali addizzjonali għall-istat li qed jospita u tikkontribwixxi għal żieda f'xogħol illegali.

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Artikolu 15 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. *L-Istati* Membri għandhom jiddeċiedu l-kondizzjonijiet għall-għotja ta' aċċess għas-suq tax-xogħol għall-applikant, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, mingħajr ma jirristrinġu ***b'mod mhux xieraq*** l-aċċess ta' dawk li jfittxu aċil għas-suq tax-xogħol.	2. *L-Istati* Membri għandhom jiddeċiedu l-kondizzjonijiet għall-għotja ta' aċċess għas-suq tax-xogħol għall-applikant, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, mingħajr ma jirristrinġu u lanqas ma jittardjaw l-aċċess ***effettiv*** ta' dawk li jfittxu aċil għas-suq tax-xogħol.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-marġni ta' diskrezzjoni li d-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri biex jistabbilixxu kondizzjonijiet addizzjonali li jridu jiġu sodisfatti minn dawk li jfittxu aċil li diġà għandhom aċċess garantit għas-suq tax-xogħol tippresupponi restrizzjoni għal dan l-aċċess fil-prattika. Restrizzjonijiet bħal dawn jinkludu, per eżempju, li jistabbilixxi r-rekwiżit li l-permessi tax-xogħol jeħtieġ li jiġu mfittxija; jirrestrinġu l-aċċess għal setturi speċifiċi tal-ekonomija; jew jitnaqqsu s-sigħat tax-xogħol. Barra minn hekk, it-tnaqqis tad-differenzi nazzjonali jista' jgħin biex jitnaqqsu movimenti sekondarji.

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Artikolu 17 - paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta jikkalkulaw l-ammont ta' assistenza li trid tingħata lil dawk li jfittxu aċil l-Istati Membri għandhom jiżguraw li	4. Meta jikkalkulaw l-ammont ta' assistenza li trid tingħata lil dawk li jfittxu aċil l-Istati Membri għandhom jiżguraw li

l-valur totali tal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali li trid tkun magħmula disponibbli għal dawk li jfittxu aż̀il għandu jkun ekwivalenti għall-ammont ta' assistenza soċjali mogħtija liċ-ċittadini li jeħtieġu assistenza bħal din. ***Kwalunkwe differenza f'dan ir-rigward għandha tkun ġġustifikata kif jixraq.***	l-valur totali tal-kondizzjonijiet ta' akkoljenza materjali li trid tkun magħmula disponibbli għal dawk li jfittxu aż̀il għandu jkun ekwivalenti għall-ammont ta' assistenza soċjali mogħtija liċ-ċittadini li ***jinsabu f'qagħda simili u*** jeħtieġu assistenza bħal din.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-livell ta' għajnuna soċjali jvarja ħafna minn Stat membru għal ieħor. Anke jekk min jitlob l-aż̀il jibbenefika minn kundizzjonijiet ta' akkoljenza ta' livell ekwivalenti għal dawk mogħtija liċ-ċittadini lokali, jista' jiġri li ma jkunx f'kundizzjonijiet ta' għajxien denji minħabba li ma jkollux familja jew xi appoġġ ieħor fil-pajjiż li jospitah.

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom iqisu s-sitwazzjoni speċifika ta' persuni bi bżonnijiet speċjali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta din id-Direttiva. Persuni vulnerabbli bħalma huma minorenni, minorenni mhux akkompanjati, nies inkapaċitati, nies anzjani, nisa tqal, ġenituri single bi tfal minorenni, vittmi ta' trafikkar, persuni bi problemi ta' saħħa mentali u persuni li kienu ssoġġettati għal tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali, dejjem għandhom ikunu kkonsiderati bħala persuni li għandhom bżonnijiet speċjali	1. L-Istati Membri għandhom iqisu s-sitwazzjoni speċifika ta' persuni bi bżonnijiet speċjali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta din id-Direttiva. Persuni vulnerabbli bħalma huma minorenni, minorenni mhux akkompanjati, nies inkapaċitati, nies anzjani, nisa tqal, ġenituri single bi tfal minorenni, vittmi ta' trafikkar, ***vittmi tal-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa,*** persuni bi problemi ta' saħħa mentali u persuni li kienu ssoġġettati għal tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali, dejjem għandhom ikunu kkonsiderati bħala persuni li għandhom bżonnijiet speċjali

Or. es

Ġustifikazzjoni

Għandha tingħata attenzjoni partikulari lill-vittmi tal-mutilazzjoni ġenitali tan-nisa.

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Artikolu 21 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri fil-leġiżlazzjoni nazzjonali bl-għan li jidentifikaw, hekk kif tkun iddepożitata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, jekk l-applikant għandhux bżonnijiet speċjali bl-indikazzjoni tan-natura ta' dawn il-bżonnijiet. L-Istati Membri għandhom jiżguraw appoġġ għall-individwi bi bżonnijiet speċjali matul il-proċedura tal-asil u għandhom jipprovdu għall-monitoraġġ xieraq tas-sitwazzjoni tagħhom.	2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċeduri fil-leġiżlazzjoni nazzjonali bl-għan li jidentifikaw, hekk kif tkun iddepożitata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, jekk l-applikant għandhux bżonnijiet speċjali bl-indikazzjoni tan-natura ta' dawn il-bżonnijiet. L-Istati Membri għandhom jiżguraw appoġġ għall-individwi bi bżonnijiet speċjali matul il-proċedura tal-asil u għandhom jipprovdu għall-monitoraġġ xieraq tas-sitwazzjoni tagħhom***, ikun xi jkun il-mument li fih jiġu identifikati dawn il-bżonnijiet***.

Or. es

Ġustifikazzjoni

L'identification des personnes ayant des besoins particuliers est capitale puisque les demandeurs d'asile ne peuvent bénéficier des conditions d'accueil instituées par la directive s'ils ne sont pas identifiés comme étant des "personnes ayant des besoins particuliers". Elle est tout aussi importante pour prévenir les pathologies susceptibles d'apparaître ultérieurement pendant la procédure et améliorer la capacité à travailler, le sentiment de sécurité et l'autosuffisance. En outre, identifier rapidement les personnes ayant des besoins particuliers permettrait d'éviter des demandes d'asile ultérieures.

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Artikolu 24 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dawk li jaħdmu ma' *minorenni mhux*	2. Dawk li jaħdmu ma' *persuni li kienu*

akkompanjati kellhom jew għandhom jirċievu taħriġ xieraq dwar il-ħtiġiet tagħhom, u għandhom jintrabtu bil-prinċipju ta' konfidenzjalità kif iddefinit fil-liġi nazzjonali, in konnessjoni ma' kull informazzjoni li jiksbu matul *xogħlhom*.	*vittmi ta' tortura, **ta' stupru u ta' foromo gravi oħra ta' vjolenza** għandhom ikunu rċevew u jkomplu* jirċievu taħriġ xieraq dwar il-ħtiġiet tagħhom, u għandhom jintrabtu bil-prinċipju ta' konfidenzjalità kif iddefinit fil-liġi nazzjonali, in konnessjoni ma' kull informazzjoni li jiksbu matul *xogħolhom*.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Huwa loġikua li dawn jaħdmu mal-vittmi tat-tortura, u dawk li jaħdmu mal-vittmi ta' stupru jew atti ta' vjolenza serji (gruppi msemmija fil-punt 1 ta' dan l-Artikolu) għandhom ikunu rċevew u jkomplu jirċievu taħriġ xieraq. Aktar minn hekk, in-nota spjegattiva tgħid li huwa importanti li jkun iggarantit li dawk li jaħdmu mal-vittmi ta' tortura u vjolenza għandha ikunu rċevew u jkomplu jirċievu taħriġ xieraq, kif previst fid-Direttiva fir-rigward ta' minorenni mhux akkumpanjati.

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Artikolu 25 – paragrafu 2 - subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess għall-assistenza legali u/jew rappreżentanza fil-każijiet imsemmija f'paragrafu 1. ***Assistenza legali bħal din għandha tkun bla ħlas fejn dak li jfittexażil ma jkunx jista' jħallas l-ispejjeż involuti.***	L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess ***effettiv*** għall-assistenza legali u/jew rappreżentanza ***bla ħlas*** fil-każijiet imsemmija f'paragrafu 1. ***Fil-każijiet kollha, il-persuni li jfittxu l-ażil għandhom ikunu intitolati jagħżlu assistenza jew rappreżentanza legali privata jekk jixtiequ.***

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-persuni li jfittxu l-ażil m'għandhomx għalfejn jippruvaw li huma ma jistgħux ikopru l-ispejjeż ta' assistenza jew rappreżentanza legali. Huma jistgħu dejjem jagħżlu assistenza jew rappreżentanza legali privata.

NOTA SPJEGATTIVA

L-Istat tal-Messiku jieħu ħsieb dawn it-tfal (Repubblikani Spanjoli),jagħtihom l-imħabba u t-tagħlim sabiex għada huma jkunu difensuri dinjituži tal-ideali tan-nazzjon tiegħek. (Ittra tal-President Messikan Lázaro Cárdenas lil Manuel Azaña, President Spanjol).

L-Unjoni Ewropea hija qabel kollox komunità ta' valuri li jħaddnu l-Istati Membri tagħha u li huma miġbura fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tagħha (*ad infra* l-Karta), il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) u l-każistika tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (ECtHR). Fost dawn id-drittijiet hemm dak tal-ażil, fl-Artikolu 18 tal-Karta, fit-termini tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju tal-1951 u tal-Protokoll tal-31 ta' Jannar tal-1967 dwar l-Istatus tar-Refuġjati, u dak tal-protezzjoni sussidjarja, fl-Artikolu 19 tal-Karta wkoll, li jipprojbixxi t-tkeċċijiet kollettivi.

L-ażil huwa dritt fundamentali kif ukoll tranżitorju. It-tgawdija tiegħu tiddependi mill-persekuzzjoni fil-pajjiż tal-oriġini. Ir-rikonoxximent tiegħu jrid jiżgura l-iżvilupp sħiħ u essenzjali ta' min qiegħed ifittxu, bħalma qal Cárdenas lil Azaña biex pereżempju t-tfal li qed jitrabbew illum isiru d-difensuri ta' għada tal-ideali tal-libertà, permezz tal-integrazzjoni temporanja tagħhom fil-pajjiż tal-akkoljenza.

Id-dritt tal-ażil jgħaqqad flimkien l-istati demokratiċi fil-protezzjoni u l-promozzjoni tal-valuri tagħhom.

Fil-Kunsill Ewropew ta' Tampere, waqt l-ewwel fażi tas-Sistema Komuni Ewropea tal-Ażil (CEAS) (1999-2005), l-objettiv kien li l-oqfsa legali tal-Istati Membri jkunu armonizzati permezz ta' standards minimi komuni. It-tieni fażi tinvolvi l-implimentazzjoni ta' proċedura komuni ta'ażil u ta' status uniformi għall-benefiċjarji tal-żil jew tal-protezzjoni sussidjarja.

F'dan il-kuntest ġiet adottata d-Direttiva 2003/09/KE tal-Kunsill li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu żil fl-Istati Membri, li tħallilhom marġni konsiderevoli ta' diskrezzjoni.

Wara perkors ta' snin, l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni u ż-żjarat tal-Kumitat għal-Libertajiet tal-Parlament Ewropew (LIBE) ikkonkludew li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza ta' min qiegħed ifittex l-żil għadhom problematiċi ħafna u inġusti, u dan joħloq movimenti sekondarji u jmur kontra l-prinċipji tal-ugwaljanza ta' aċċess għall-protezzjoni fl-Unjoni.

Il-Parlament kellu l-opportunità li jikkundanna t-tbatija inaċċettabbli fl-Unjoni Ewropea ta' dawn in-nies li qegħdin ifittxu l-żil. Intwera wkoll il-piż inugwali li jerfgħu l-Istati Membri. Minkejja li l-mezzi finanzjarji tjiebu, il-Fond Ewropew għar-Refuġjati mhux biżżejjed biex jiżgura l-iffaċċjar tal-isfidi li għandna quddiemna.

Minkejja li dan l-ewwel pakkett ta' rapporti ta' kodeċiżjoni dwar l-żil jinvolvi qabża kwalitattiva fl-irwol li kellu sa issa l-Parlament Ewropew, ma rridux ninsew li l-objettiv huwa li tinħoloq regolamentazzjoni komuni tal-żil.

Proposta eċċellenti ppreżentata mill-Kummissjoni

Ir-Rapporteur laqa' bil-qalb il-proposta ta' tfassil mill-ġdid tad-Direttiva 2003/9/KE tal-Kunsill li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu ażil fl-Istati Membri u wera r-riżoluzzjoni soda tiegħu li jappoġġja l-ispirtu tat-test ippreżentat mill-Kummissjoni.

Id-Direttiva l-ġdida għandha tikkontribwixxi għall-armonizzazzjoni u t-titjib tal-istandards ta' akkoljenza kif ukoll biex tillimita l-movimenti sekondarji.

Huwa jqis il-proposti li ġejjin bħala essenzjali:

1. Il-qasam ta' applikazzjoni tad-Direttiva.
- L-inklużjoni ta' dawk li jfittxu protezzjoni sussidjarja, bl-għan li tkun żgurata l-koerenza mal-bqija tal-acquis Komunitarju (Direttiva "Kwalifikazzjoni" li tintroduċi l-kunċett ta' "protezzjoni sussidjarja", li x-xebh tagħha mal-ażil huwa rrikonoxxut fis-sentenza reċenti tal-qorti ta' Elgafaji tas-17 ta' Frar 2009.)

- L-applikazzjoni tad-Direttiva għall-proċeduri kollha ta' ażil, iz-zoni ġeografiċi kollha u l-faċilitajiet li jakkomodaw lil dawk li jfittxu ażil, inklużi l-fruntieri u z-zoni ta' tranżitu.

2. L-aċċess għas-suq tax-xogħol, vantaġġuż kemm għal min ifittex ażil u kemm għall-Istat Membru: l-idea hija li jingħata aċċess simplifikat u iktar armonizzat għas-suq tax-xogħol, wara massimu ta' sitt xhur mit-tressiq ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

L-aċċess effettiv għax-xogħol m'għandux ikun ostakolat minn restrizzjonijiet amministrattivi.

L-aċċess għas-suq tax-xogħol huwa l-aħjar mod biex ikunu żgurati l-awtonomija u l-benessri tal-persuni li kienu obbligati jabbandunaw pajjiżhom minħabba biża' li jkunu ppresegwitati minħabba r-razza, ir-reliġjon, in-nazzjonalità, l-opinjonijiet politiċi jew l-appartenenza għal grupp soċjali. Huwa jippreveni l-iżolazzjoni soċjali u l-ħolqien ta' sitwazzjoni ta' dipendenza kronika. L-impjieg bi ħlas jikkontribwixxi għal għarfien aħjar, fi ħdan is-soċjetà ospitanti, taċ-ċirkustanzi li min ifittex l-ażil ikun fihom u tal-kontribut soċjali tiegħu. Għal dan il-kontribut imsemmi minn Cárdenas huwa fundamentali li fin-nazzjonijiet tal-oriġini tieqaf ir-ripressjoni kontra l-Libertà.

L-istabbiliment ta' obbligi addizzjonali għal min ifittex l-ażil biex ikollu aċċess għas-suq tax-xogħol, bħar-rekwiżit tal-permess tax-xogħol m'għandux idewwem bl-ebda mod dan il-perjodu massimu stabbilit ta' sitt xhur.

3. Kundizzjonijiet tal-aċċess għall-akkoljenza materjali bl-għan li jiżguraw standard ta' ħajja xieraq għas-saħħa ta' dak li jfittex ażil u kapaċi li jiżguraw is-sussistenza tiegħu: il-proposta tobbliga lill-Istati Membri biex jikkunsidraw il-livell ta' assistenza soċjali pprovduta liċ-ċittadini tagħhom stess.

4. Detenzjoni: Ir-rapporteur fakkar il-prinċipju li skontu ħadd ma għandu jinżamm f'detenzjoni minħabba s-sempliċi fatt li jfittex protezzjoni internazzjonali kif ukoll il-ħtieġa li

jkunu inklużi garanziji proċedurali rigoruż għad-detenzjoni temporanja.

Persuna ppersegwitata minn sistemi li jmorru kontra l-Libertà ma tistax tkun detenuta fl-Ewropa biex taħrab il-persekuzzjoni msemmija. Inqas u inqas mitfugħa l-ħabs.

F'konformità mal-liġi Ewropea (il-Karta) u dik internazzjonali (l-ECHR u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Tortura jew Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti oħra, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal), il-proposta tal-Kummissjoni tiżgura li d-detenzjoni tkun permessa biss għal raġunijiet eċċezzjonali, dejjem f'konformità mal-prinċipju ta' neċessità u ta' proporzjonalità u soġġetta għal valutazzjoni tal-individwu ta' kull każ.

Fil-fatt jeżistu sitwazzjonijiet ta' sigurtà pubblika u/jew ta' verifika ta' dejta u/jew taċ-ċirkustanzi tal-każ fejn xi miżura amministrattiva ta' detenzjoni temporanja straordinarja tista' ssir permanenti. Il-proċeduri stabbiliti fil-proposta inizjali tal-Kummissjoni jagħmlu mod li dawn is-sitwazzjonijiet minimi jkunu aċċettabbli u għall-perjodi raġonevoli b'garanziji stretti. B'dan il-mod ikunu żgurati s-sorveljanza ġudizzjarja u r-reviżjoni regolari tagħha.

5. Assistenza legali. Min ifittexażil irid igawdi mill-bidu nett minn garanziji proċedurali massimi. Dawk li jfittxuażil iridu jserrħu fuq assistenza legali ta' kwalità li tgħinhom jifhmu drittijiethom.

Is-servizz legali jrid jiġi żgurat f'perjodu inqas minn dak previst ta' 72 siegħa kif titlob l-EctHR fis-Sentenza Saadi vs. ir-Renju Unit ikkwotata kemm-il darba, billi perjodu ta' iktar minn 48 siegħa jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 5.2 tal-ECHR.

Il-UNHCR u assoċjazzjonijiet speċjalizzati oħra msejħa "mhux governattivi" għandhom igawdu mid-dritt li jżuru l-faċilitajiet fejn jinsabu l-persuni miżmuma temporanjament li qatt ma jitħalltu ma' priġunieri komuni.

6. Persuni bi bżonnijiet speċjali: Qegħdin isiru sforzi biex ikunu żgurati n-neċessitajiet speċifiċi għall-persuni vulnerabbli, bħat-tfal, il-persuni b'diżabilità, l-anzjani, il-vittmi tat-traffikar ta' persuni, ta' torturi, ta' asportazzjoni, il-morda, eċċ. biex ikunu jistgħu jiġu identifikati mill-bidu, kif ukoll f'kull ħin tal-proċess ta' żil bl-għan li jirċievu l-kura adegwata.

Din l-attenzjoni adegwata minnufih għandha tikkontribwixxi biex tħaffef l-investigazzjonijiet u jiġu evitati d-duplikazzjonijiet.

Huwa importanti li fil-valutazzjoni tal-interess superjuri tal-minorenni, l-Istati Membri jikkunsidraw b'mod partikolari l-fatturi li ġejjin:

a) il-possibilitajiet ta' riunifikazzjoni familjari;
b) il-kuntest etniku, reliġjuż, kulturali u lingwistiku tal-minorenni;
c) ir-riskju li jkunu vittma tat-traffikar tal-minorenni;
d) l-opinjoni tal-minorenni, billi tingħata attenzjoni għall-età u l-maturità tiegħu/tagħha.

7. Dritt li jkunu informati b'mod korrett f'lingwa li jifhmu. Huwa fundamentali li biex jiġi żgurat li min ifittex l-ażil ikun jaf sewwa drittijietu, dawn tal-aħħar ikunu pprovduti f'lingwa li jifhem, b'mod li, kif tgħid l-ECtHR, dawn ikunu spjegati lilu f'lingwaġġ sempliċi u mhux tekniku sabiex jgħinu d-difiża tiegħu fil-qorti.

Konklużjonijiet

Ir-rapporteur jidentifika ruħu mal-objettiv fundamentali tal-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi qafas iktar eżiġenti fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza ta' min ifittex ażil, li jiżguralhom livell ta' ħajja dinjituż, f'konformità mal-liġi internazzjonali.

Filwaqt li jagħraf li ħafna nuqqasijiet fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza għal min ifittex ażil huma minħabba l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni differenti fid-diversi Stati Membri, ir-Rapporteur jappoġġja ż-żieda tal-possibilitajiet ta' kontrolli min-naħa tal-Kummissjoni. L-iskambju ta' prattiki tajbin bejn l-Istati Membri għandu jikkontribwixxi wkoll għal konverġenza ikbar fl-implimentazzjoni ta' dawn l-istandards ta' akkoljenza. Il-Parlament, permezz tal-Kumitat LIBE tiegħu, għandu jistabbilixxi kalendarju ta' żjarat fiċ-ċentri ta' detenzjoni.

Kull proposta li tipprova tillimita l-garanziji ppreżentati mill-Kummissjoni u dawk li jinsabu fl-emendi mressqa mir-rapporteur għandha tiġi miċħuda minn maġġoranza ta' nies fi ħdan il-Parlament, li għandha bħala objettiv it-titjib tat-test.

Ir-Rapporteur jagħraf li t-tisħiħ tat-trattament privileġġat ta' min ifittex l-ażil meta mqabbel ma' tal-immigranti li jippruvaw jidħlu fl-UE jista' jwassal għal diversi talbiet mingħajr ebda bażi. L-istabbiliment ta' sanzjonijiet amministrattivi għal min jagħmel użu ħażin jew abbużiv tal-proċedura huwa teknikament kumpless; minkejja l-fatt li dawk li jfittxu l-ażil b'għajnuna legali u adegwata u li jitolbu protezzjoni internazzjonali mingħajr ma jġarrbu l-ebda persekuzzjoni iridu jiffaċċjaw xi obbligi, danni jew konsegwenzi negattivi fir-relazzjoni amministrattiva tagħhom mal-UE. Il-konsulenti ta' min ifittex l-ażil iridu jagħrfu jwasslu l-prinċipju tal- proċedura ta' *bona fide*. Jekk dan iseħħ, dan jikkontribwixxi b'mod indirett u effikaċi biex it-talbiet ta' ażil iġġustifikati jkunu ttrattati bl-aħjar mod. Barra minn hekk, l-ideoloġija l-ġdida tal-każistika qiegħda hemm biex tikkonferma l-opinjoni li hija appoġġjata fil-proposta tal-Kummissjoni dwar il-pertinenza tal-ipproċessar simultanju tat-talba ta' min ifittex l-ażil u l-protezzjoni sussidjarja.